**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015**

Numru 11

**Rikors Guramentat Nru. 889/2015**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Ingredients Limited u Jean Paul Bajada**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-24 ta' Settembru 2015 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Maronia Fenech datat 2 ta' Dicembru 2013 (Dok. "A") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta Ingredients Limited;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta Ingredients Limited fis-somma ta' wiehed u tletin elf, tlett mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€31,375.94) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Ingredients Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok. "C1 sa C4") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Maronia Fenech datat 2 ta' Dicembru 2013 (Dok. "A") u permezz ta' skrittura privata datata 11 ta' Settembru 2013 (Dok. "D"), il-konvenut Jean Paul Bajada ggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' Ingredients Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Ingredients Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A" u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 5 ta' Jannar 2015 Ii kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "E" u Dok. "F", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici Ii qeghda hawn titlob Ii din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti Ii jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta attrici is-somma ta' wiehed u tletin elf, tlett mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€31,375.94) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Ingredients Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok. "C1 sa C4") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 5 ta' Jannar 2015 u tal-Mandati ta' Sekwestru Ii qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tad-9 ta’ Novembru 2015 fejn il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti flimkien u "in solidum" bejniethom ihallsu lil bank attur is-somma ta' wiehed u tletin elf, tlett mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu

(€31,375.94) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Ingredients Limited skont it-talba u d-dokumenti esebit, flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur